Minuti tat-tmienja u sittin laqgħa tas-seba' Kunsill Lokali l-Gudja li ġiet imsejħa b'urġenza u li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill (uffiċċju temporanju fil-Librerija G. Zammit) nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2016 fis-6.00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | John Mary Calleja |
| | Viċi Sindku | Romeo Baldacchino |
| | Kunsilliera | Mark Anthony Sammut, Demelsa Grech u Stefan Caruana |
| | Aġent Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |
| | *Corporate Services Executive Manager* | Joseph M. Formosa |
| Skużata: | Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ | Sarah Camilleri |

Aġenda:-

1. Approvazzjoni ta' *Financial Statements* 2015 u r-Rapport tal-Awditur

2. Għeluq tal-laqgħa

**Ftuħ tal-laqgħa**

Il-laqgħa bdiet fis-6.05pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti. Mal-ftuħ tal-laqgħa l-Kunsill ġie infurmat illi Sa. Camilleri ma setetx tkun preżenti minħabba impenji dwar l-eżamijiet. B'mod unanimu, il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkustanzi Sa. Camilleri tiġi skużata għal kull buonfini ta' liġi u proċedura.

Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku spjega l-ħtieġa tal-urġenza dwar din il-laqgħa.

**1.0 <u>Approvazzjoni ta' *Financial Statements* u r-Rapport tal-Awditur għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2015</u>**

1.1 Saret diskussjoni u ġew imwieġba diversi mistoqsijiet. Peress li ftit kien hemm bdil minn dak li ġie approvat qabel, il-Kunsill approva dawn il-*financial statements* u r-rapport tal-awdituri kif ppreżentati.

1.2 Il-Kunsill qabel li dawn il-financial statements jiġu ffirmati skont il-proċeduri stabbiliti u li dawn il-*financial statements* kif approvati jimxi għand l-Awditur u fl-uffiċċju tal-Awditur Ġenerali kif stabbilit mid-Dipartiment tal-Gvern Ċentrali.

**2.0 <u>Għeluq tal-laqgħa</u>**

2.1 Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa ġiet eżawrita, is-Sindku għalaq il-laqgħa fis-6.45pm u aġġorna sine die.

| | | |
|---|---|---|
| J Ranier Busuttil | Joseph M. Formosa | John Mary Calleja |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | *Corporate Service Executive Manager* | Sindku |

Data: ____________________